# OPRA MILL-ISBAĦ FIL-MOSTA

*minn Lorenzo ZAHRA*

Waħda mill-isbaħ opri li tippossiedi l-komunita` parrokkjali tal-Mosta hi bla dubju dik tal-Monument ta' Kristu Mejjet, li wieħed jara espost fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira. Hi opra tassew kolossali kemm fid-disinn kif ukoll fl-eżekuzzjoni ta' tant dettalji. Kienet tfaħħret immens wara li ġiet eżaminata mill-Kummissjoni tas-Soċjeta` ta' l-Arti u Manifattura ta' Malta.

Din l-opra artistika nħadmet fil-belt Vittoriosa f'ħanut żgħir quddiem il-bieb prinċipali tal-Birgu. Ħadimha u ddisinjaha Toninu Agius. Ħuh ħadem id-drapp tal-bellus u għen lil Toni. Din l-opra, li saret fl-1924, swiet 500 lira sterlina u tħallset mis-Sur Carmelo Dimech, li qatta' xi żmien l-Amerka. Kienet idea tal-prokuratur, Dun Ġ. Vella, li ordna din l-opra għand Agius tal-Birgu billi diġa kien ħadem għall-knisja tal-Mosta opra oħra tassew sabiħa, li kienet tikkonsisti fil-kwadri tal-Via Sagra. M'għandix dubju li dan is-sett kwadri artistiċi fuq stil Barokk, hu l-isbaħ sett li hawn f'Malta. L-irqaqat fix-xogħol ta' skultura f'dawn il-kwadri juri talent u paċenzja kbira tal-artist. L-iskultura qisha bizzilla fl-irfinar tagħha. Nittama li l-opri bħal dawn jibqgħu kkurati u apprezzati bħal opri lokali oħra li juru t-talent milħuq mill-Maltin missirijietna.



*Il-Monument ta' Kristu Mejjet tal-Mosta - xogħol fin ta' skultura fl-injam - maħdum minn Toninu Agius fl-1924.. (ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E. FIAP., E.S. FIAP.)*

Toni Agius twieled il-Birgu fl-1888, u tgħallem għand is-Surmast Cardona, li ġie Malta minn Katanja u jgħallem l-arti fi skola li kellu fil-Birgu stess. Toni kien joqgħod f'dar qadima li kienet miżmuma bħala d-dar tal-Prijur ta' l-Ordni fil-Birgu. Fuq il-bieb kien hemm anġlu skulturat fil-ġebel u d-dar kienet imżejna b'ħafna skultura, li żgur kienet tispira lil dan l-artist. Kienet id-dar Nru. 110, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur. Minkejja li fil-gwerra ġarrbet ħsarat li setgħu tranġaw, il-gvernijiet lokali ħattewha biex jgħaddu triq ġdida.

Toni Agius ħalla isem fil-qasam artistiku mhux biss b'dawn iż-żewġ opri fil-Mosta, iżda f'ħafna knejjes oħra f'Malta. Nistgħu ngħidu li flimkien ma' nies oħra għolla l-ġieħ tal-arti. Ħadem skultura fil-ġebel ukoll. Huma opri ta' idejh il-kapitelli fil-knejjes ta' Raħal Ġdid, Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi u l-Marsa. Ħadem diversi armi skolpiti fil-ġebla Maltija fid-Dragunara, f'tant vilel, fil-Borża tal-Belt, l-Isptar tal-Imtarfa, Ħal Far u bnadi oħra. Xogħlijiet oħra tiegħu ta' skultura u dekorazzjonijiet jinsabu fi knejjes Maltin u trid it-tul biex tiġborhom. Għall-Birgu ħadem il-mazza kapitulari u xi ventaltari. Ħadem skultura wkoll fil-knisja ta' Santu Wistin, il-Belt, u f'dik tal-Għasri, fl-Għarb Għawdex.

Wara l-gwerra, Agius ħadem mill-ġdid f'restawr ta' xogħlijiet ta' skultura f'diversi knejjes bħal dawk tal-Griegi u Ta' Liesse fil-Belt, l-Imġarr, Birżebbuġa, Paceville, kif ukoll l-iskultura mal-faċċata tal-Berġa ta' l-Italja u l-iskultura kollha fil-koppla l-ġdida li saret fil-knisja ta' Ħal-Luqa u xogħlijiet oħra. Toni Agius miet fl-1963 fl-eta' ta' 75 sena fil-Gżira.

Ħsibt li jkun xieraq li dan il-persunaġġ Vittoriosan ikun imfakkar fil-Mosta, fejn m'għandix dubju ħalla l-isbaħ żewġ opri tiegħu. Għalhekk inħoss li 'l quddiem ikun xieraq li ismu jidher f'xi triq fil-Mosta.

***Riferenzi:***

*Malta Herald*, 17th. April, 1924.
*Malta Tagħna*, 15 ta' Mejju, 1920.
*Il-Gżejjer*, Ġunju 1973 (kitba ta' Lorenzo Zahra).